

# Ismijiet u Kunjomijiet mir-Reġistru Ewlieni tal-Magħmudijiet tal-Parroċċa ta' Bormla

Mario Attard

Dakinhar li ftaħt l-ewwel reġistru tal-parroċċa ta' Bormla u ġejt wiċċ imb wiċċ mal-ewwel isem, daħlitli kurżità b'rabta mal-ismijiet u l-kunjomijiet li kienu jiġġeneraw f'dik l-epoka fil-belt Kospikwana. Kien għalhekk li għarbilt il-faċċati tal-manuskritt imsemmi mill-1 ta' Jannar 1587 sas-27 ta' Jannar 1591 bil-ħsieb li niġbed ċerta konklużjonijiet.

Kollox jibda mis-sena 1586, meta dik li llum hija l-parroċċa ta' Bormla nqatgħet minn mal-Birgu. L-affari kompliet tkun favorevoli hekk kif f'Bormla deher qassis mis-Siġġiewi[1], Dun Mikiel Cap[2], daqs sentejn wara li qaddes fit-23 ta' Mejju 1584. Kien huwa li beda li beda jgħammed sa mill-bidu tal-1887 biex daqs disa' snin wara sar l-ewwel kappillan ta' Bormla. Ma kienx sar qabel għaliex għalkemm Bormla kienet nqatgħet minn mal-Birgu, il-Kappillan[3] tal-Birgu kien baqa' jżomm diversi drittijiet li minħabba f'hekk Dun Mikiel Cap ma setax isir kappillan.

Matul l-ewwel sena li bdew isiru l-magħmudijiet f'Bormla, jiġifieri matul l-1587 saru 52 magħmudija.

L-ewwel isem li jirreġistra l-manuskritt imsemmi huwa tal-ewwel tarbija li tgħammdet ġewwa Bormla fl-ewwel jum tas-seklu sbatax. Kienet tifla. Din kien jisimha Imperia. Il-ġenturi tagħha kienu Joann u Antonia. Kienet imgħammda nhar il-Ħamis, 1 ta' Jannar 1587. Sitt ijiem wara saret it-tieni magħmudija, din kienet tifla wkoll, Tertiana, bint Joanni u Costantia. Minn dawn iż-żewġ ismijiet nifhmu l-qawwa tal-influwenza romanza, speċifikament Latina li sejra tkompli tinħass. Ma ninsewx li ninsabu nittrattaw l-ewwel u l-aqwa snin tat-tmexxija tal-Ordni ta' San Ġwann.

It-tieni darba li tarbija ssemmiet Imperia u li hija mniżżla li tgħammdet fil-parroċċa ta' Bormla kien fit-23 ta' Ġunju 1887 u nzertat bl-istess kunjom, Spiteri. Il-ġenituri tagħha kienu Simuni u Paula. Mentri l-ewwel każ ta' magħmudija fejn l-omm kien jisimha Imperia seħħ fis-26 ta' Jannar 1588. Flimkien ma' żewġha Paulo, huma għammdu lil binhom Petropaulo. Eżempju ieħor ta' omm bl-isem ta' Imperia kien fil-magħmudija ta' Natali, meta flimkien ma' żewġha għammdu lil binhom nhar l-Ħadd, l-1 ta' Jannar 1589.




L-ewwel tifel li tgħammed fil-parroċċa ta' Bormla u li huwa rreġistrat f'dan ir-reġistru tal-magħmudijiet kien jismu Antoni, iben Salvo u Domenica Caruana.

L-ewwel darba li tfaċċa l-isem ta' Bettina fost l-imgħammdin f'Bormla kien nhar it-8 ta' Frar 1887.

Il-Parrini ma kinux jonqsu. Apparti mill-fatt li l-parti l-kbira




tal-parrini kienu jkunu ċittadin normali, nsibu li ġieli kien hemm nies nobbli li għamluha ta' parrini. L-ewwel każ li jitfaċċa fir-reġistru tal-magħmudijiet fil-parroċċa ta' Bormla jeħodna lejn l-1 ta' Awwissu 1887. Dakinhar Gabriele u Angelina Farrugia għammdu li binhom Joan Matteo li bħala parrinu kellu lill-Illustrissimu Commendatore Fra Aneo Fontana.

Sebat ijiem wara saret magħmudija oħra fejn il-parrinu kien nobbli. Dan kien l-Illustrissimu Commendatore Fra Antonio Chiantalparera. Qagħad parrinu ta' Salvator, iben Angelo u Joanna Moscat. Nobbli bħal dawn insibu ħafna iktar fir-reġistru li qegħdin nieħdu minnu.




Ftit forsi jgħaddilhom minn moħħhom li f'Bormla tas-seklu sittax kien hawn il-kunjom Losco. Kienet tifla li tgħammdet u kien jisimha Joannella, bint Domenico u Maria. Tgħammdet nhar is-27 ta' Settembru 1887 u l-parrinu kien il-Capitano Fra Gregorio Candolino. L-istess nistgħu ngħidu għall-kunjom de Caro. Giorgio u Isabella kienu l-ġenituri ta' Ramondica li tgħammdet fil-parroċċa ta' Bormla nhar it-23 ta' Ottubru 1588.

Kunjom li għadu fostna ġewwa Bormla sal-lum huwa Scolaro. Fl-1 ta' April 1589 saret il-magħmudija ta' Antoni, iben Fantino u Paulina Scolaro.

Għalkemm f'beltna l-kunjom Laganà mhux eżistenti b'danakollu f'pajjiżna, partikularment fil-Birgu jinsab. Fl-24 ta' Aprl 1589 tgħammdet Francesca, it-tifla tal-koppja Joseppi u Nella Lacana. Tgħid huma żewġ kunjomijiet relatati?

Ġewwa Bormla l-kunjom Piscopo għandna żgur. Interessanti l-fatt li nsibuh imniżżel fir-reġistru tal-magħmudijiet f'beltna bid-differenza li jinsab del Piscopo. Fis-27 ta' Awwissu 1589 saret il-magħmudija ta' Bernardo, iben Nino u Bernarda del Piscopo.




L-istess ngħidu għall-kunjom Cioffi. Dan il-kunjom huwa mniżżel Coffi u nsibuh fil-magħmudija li saret fis-17 ta' Ottubru 1590. Dakinhar tgħammdet Lucretia, it-tifla ta' Victorio u Marietta.

It-tieni sena ta' magħmudijiet fetħet bil-magħmudija ta' Madaleno. Dan kien proprju fil-jum tal-Ġimgħa, 1 ta' Jannar 1888. Il-ġenituri kienu Francisco u Margarita Di Cotrone.




Nagħtu ħarsa issa lejn varjazzjonijiet ta' kunjomijiet, apparti dawk li diġà huma msemmija. Hagius bħal Habela kien għadu ma waqqax l-ewwel ittra. Psajla u Pisayla biż-żmen saru Psaila. F'Moscat ninnotaw l-ewwel vokali minflok Muscat. Lill-kunjom Falzon insibuh ukoll imniżżel Falson. Il-kunjom Sacco nsibu imniżżel għall-ewwel darba fil-magħmudija li saret fis-27 ta' Settembru 1587 meta tgħammed Vincenzo, iben Filippo u Linora. Xeberras b'kuntrast ma' Sciberras tal-lum. Zammit u

Zamit insibuhom miktubin it-tnejn fir-reġistru tal-magħmudijiet, l-istess bħal Samut u Gat. Minflok Pace nsibu dejjem Paci bħal fil-magħmudija tat-8 ta' Mejju 1588. Bonnici tal-lum insibuh miktub ukoll Bonnic u Bonnich.

F'Malta nafu li għandna l-kunjom Duca. Fit-22 ta' Mejju 1588 Nicolo u Francesca Da Duca għammdu lil binhom Antonio. Fiteni, Vella, Mallia, Spiteri, Borg u Farrugia għadhom popolari f'Bormla sal-lum. Min jaf jekk il-kunjom del Boffi li jinsab imniżżel fil-magħmudija tat-22 ta' Ġunju 1589 spiċċax biex ħareġ is-singular del Boffa mbagħad waqgħet del biex sar Boffa! Interessanti l-kunjom Corcop għal Chircop tal-lum. Dan il-kunjom insibuh imniżżel fit-8 ta' April 1890. L-unika darba li nsibu l-kunjom Attard huwa permezz tal-parrinu Franciso Attard fil-magħmudija ta' Gulio, iben Armenia u Gaitano (il-kunjom mhux mogħti). Insibu wkoll il-kunjom Palombo. Stephano Palombo kien parrinu ta' Bastiano, iben Giacomo u Tertiana Vispolo, nhar it-22 ta' Jannar 1591.




F'dawn is-snin ta' magħmudijiet meħudin mir-reġistru tal-magħmudijiet fl-parroċċa ta' Bormla nsibu kunjomijiet li jibdew bl-ittri di bħal di Modica pereżempju. Illum nafu b'Degabriele u Delceppo kif ukoll Decesare u Debono bħala kunjom sħiħ. Naraw xi ftit mill-kunjomijiet bħal dawn li nsibu fir-reġistru tal-magħmudijiet. Di Antoni, di Nicola, di Martino, di Cotrone, della Croce, di Andri, di Sala, di Granata, di Lucia u di Cardona.

Insibu wkoll kunjomijiet li jirreferu għal bliet jew pajjiżi bħal Calabrese, Genoese, Greco, Cipriotto, Napolitano, Venetiano, Catanese, Marabella, Cassia,

Bis-saħħa ta' dawn l-osservazzjonijiet mir-reġistru ewlieni tal-bidu tal-parroċċa ta' Bormla, ħarġu diversi kurżitajiet. L-għan tagħhom huwa sabiex jintefa dawl fuq is-soċjetà Bormliża daqs tnejn u għoxrina sena wara l-Assedju l-Kbir. Nafu li wara dan l-assedju, il-popolazzjoni Bormliża bdiet dejjem toktor u kienet strumentali biex Bormla tinqata' għaliha u ssir parroċċa.

## Referenzi


Referenza ewlenija huwa r-Reġistru tal-Magħmudijiet, Parroċċa ta' Bormla.

Ħadt daqqa t'id minn Tagħif Storiku dwar il-Knisja Parrokkjali ta' Bormla, Charles Galea Scannura, Kunmmisjoni Fuljett tal-Kunsill Parrokkjali, Bormla, 1983


[1] Fil-perjodu ta' qabel l-Assedju l-Kbir tal-1565, niżlu ħafna Siġġiwin joqogħdu fil-Kottonera. Waqt l-Assedju huma ddefendew parti mill-Isla mit-Torok. Din tista' tkun ir-raġuni għaliex Dun Mikiel Cap spiċċa Bormla.

[2] Cappara huwa l-kunjom sħiħ għal dak imqassar, Cap

[3] Il-Kappillan tal-Birgu f'dak iż-żmien kien Dun Eutropio Fava.